

# Sensiela Mro. Antonio Miruzzi
# I - O Del Cielo Regina

*L-Ewwel Parti*

**Mro. Manoel Pirotta**

**Daħla:** Għal dis-sena ħsibt li nikteb fuq xi ħaġa differenti minn tas-soltu. Dan il-ħsieb wassalni biex, minflok is-soltu artiklu fuq xi xogħol minn ta' Mro. Angelo Pullicino għażilt wieħed mill-pinna ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944). Dan peress li ħafna mix-xogħlijiet tiegħu jinsabu mxerrdin fl-arkivji ta' ħafna baned Maltin u Għawdxin fosthom, dak tal-Banda Queen Victoria A.D. 1865 taż-Żurrieq stess. Barra minn hekk, naf li l-Innu popolari *O del Cielo Regina* huwa wisq għal qalb iż-Żrieraq Karmelitani. Għaldaqstant, din is-sena qed niddedika l-ispazju ta' dan l-artiklu għal wieħed mill-ġawhar żgħar fil-lista ta' kompożizzjonijiet ta' dan il-kompożitur prolifiku u versatili Malti.



*Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944).*

**Nota Bijografika**: Is-Surmast Antonio Miruzzi twieled il-Furjana fl-10 ta' Ottubru 1867 minn Ġużeppi u Mikelina, imwielda Brincat. Ta' età żgħira tilef lill-ġenituri għeżież tiegħu u kellu jissieħeb fl-Orfni tal-Belt Valletta. L-ewwel tagħlim mużikali ħadu mingħand zijuh stess, Mro. Paolo Miruzzi li kien Surmast Direttur tal-banda *La Valette*. Mal-mewt ta' zijuh, Antonio laħaq Surmast tal-banda Għawdxija *Leone*, u ftit wara, tal-banda *Nicolò Isouard* tal-Mosta. F'karriera mill-aqwa u brillanti bħala Surmast Direttur, għalliem tal-alljievi u kompożitur, huwa mexxa wkoll b'suċċess baned u entitajiet mużikali oħra fosthom, *La Valette* tal-Belt Valletta, *I Cavalieri di Malta* ta' Tas-Sliema, *La Vincitrice* tal-Isla, *San Piju X* ta' Ħal Lija, *Sant'Andrija* ta' Ħal Luqa, il-*Beland* taż-Żejtun, kif ukoll *San Ġużepp* tal-Ħamrun – liema banda kienet l-aktar waħda għażiża għalih u li magħha dam għal kważi tletin sena sħaħ! Dan għall-fatt li ħafna miż-żmien ta' ħajtu għexu proprju ġewwa l-Ħamrun. Baned oħrajn li huwa mexxa kienu s-Soċjetajiet filarmoniċi ta' *Sta. Marija* tal-Mosta u dik ta' *San Ġorġ* ta' Bormla, il-banda tal-Orfni tal-Belt, kif ukoll l-Orkestra Mandolinistika *La Valette* fi ħdan il-Banda li ġġib l-istess isem.

Għal min kien jafu, Mro. Miruzzi, għad li kien dħuli u u kellu manjieri senjorili, kien Surmast tal-akbar dixxiplina meta niġu għall-provi u/jew waqt l-żsekuzzjonijiet. Minkejja dan, il-bandisti xorta waħda kienu jammirawh bil-bosta għall-mod ta' kif kien jgħallem, għad-direzzjoni impekkabbli

tiegħu, u għall-kompożizzjonijiet mużikali li huwa kien ta' spiss jinseġ u li bihom kien jagħni lill-baned Maltin.

Bħala kompożitur, Mro. Miruzzi kiteb ħafna xogħlijiet għall-banda fosthom fantasiji, sinfoniji, melodiji u ħafna valzi, polki, mażurki, gavotti u marċi. Ir-reputazzjoni li kellu bħala kompożitur ta' marċi brijużi xterdet ma' kull rokna tal-gżejjer Maltin. Ikkompona wkoll sett ta' marċi funebri li għadhom jindaqqu minn bosta baned fil-Ġimgħa l-Kbira, fil-funerali, jew f'xi programm ta' mużika sagra.

Miet nhar it-23 ta' Ottubru 1944 fil-Ħamrun stess u sarlu funeral kbir li fih attendew rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali li lkoll ġew biex jagħtu l-aħħar tislima lil dan il-kompożitur Malti li ta ħajtu għall-mużika.

### Dwar l-Innu *O Del Cielo Regina*

Safejn hu magħruf s'issa min-naħa tiegħi, dan l-innu popolari jinsab għand żewġ baned ewlenin Maltin – is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard tal-Mosta u l-Banda Queen Victoria A.D. 1865 hawn fuq imsemmija. Ta' min jgħid li, Mro. Antonio Miruzzi kien iħabbat mal-ewwel banda Mostija bejn is-snin 1894 u 1909. Fil-każ tal-banda Żurriqija, skont tagħrif li ntbagħtli permezz ta' *email* mill-arkivista tal-Banda Queen Victoria A.D. 1865 jidher li, għalkemm Mro. Miruzzi qatt ma' ħabbat ma' din il-banda, kellu xi forma ta' kuntatt magħha lejn l-aħħar tas-seklu 19 u bidu tas-seklu li għadda. Infatti, fl-arkivju nstabu għadd ta' xogħlijiet magħdudin bħala 'żgħar' minn tiegħu fosthom, xi marċi brijużi u funebri, kif ukoll dan l-*Innu ż-Żgħir*. Mill-banda l-oħra jidher li s'issa ma nstabu l-ebda xogħlijiet 'kbar' fl-arkivju ta' din l-istess Soċjetà. Wieħed iżda għad irid jistħarreġ sewwa kif dan l-*Innu ż-Żgħir* spiċċa jindaqq mill-Banda Żurriqija. Parti mit-tweġiba għal din il-mistoqsija jagħtihielna l-arkivista stess meta fl-istess *email* jgħidilna li teżisti dokumentazzjoni li għall-okkażjoni tal-miġja tal-vara mill-ewwel restawr tagħha fl-1925 kien iżżanżan sett ta' marċi proċessjonali fosthom, dan l-innu (fil-librett huwa mniżżel biss bħala 'Inno 19'). Jidher li, dan l-innu, wara s-sena msemmija, baqa' jindaqq ta' kull sena malli l-vara tkun qed tiddawwar mal-misraħ, u qabel jibda l-*Innu l-Kbir* tas-Surmast Bartoli. L-istess innu jindaqq ukoll mill-banda Żurriqija f'okkażjonijiet rari imma speċjali.

U biex inkomplu fuq l-istess suġġett jidher li, l-eqdem dokument magħruf li għandna f'idejna ta' dan l-innu huwa ġej minn rapport li kien deher fil-ħarġa tal-ġurnal, *Il-Veru Mannarinu*[1] tal-1897. Fih jingħad li, l-innu popolari '*O Del Cielo Regina*' kien iżżanżan fil-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Mosta proprju f'dik l-istess sena. Minn artiklu li kien deher fil-programm tal-festa ta' Santa Marija tal-Mosta tal-2012, insiru nafu wkoll li, 'l-isem oriġinali ta' dan l-innu kien *Marcia Santa Maria*.' Ġara iżda li, maż-żmien bidel ismu ma' *O Del Cielo Regina* minħabba l-ewwel erba' kelmiet bit-Taljan li bihom dan l-innu jibda. Minn dan kollu wieħed jista' faċilment jasal għal konklużjoni li, l-innu nkiteb tliet snin biss wara li Mro. Miruzzi kien laħaq Surmast Direttur tal-ewwel banda Mostija, u għaldaqstant, iġib id-data tal-1897 ta' meta nkiteb. Fl-istess ġurnal insibu wkoll li, l-innu l-'ġdid' kienu kantawh kor puerili flimkien mal-banda Mostija.

**VERSI**: Il-versi ta' dan l-innu huma ta' Dun Agostino Azzopardi. Mill-ftit tagħrif li stajt niġbor dwaru s'issa, Dun Wistin (kif kien komunement magħruf) mill-Mosta 'kien qassis twajjeb li baqa' magħruf għall-pinna li kellu u għall-karità kbira li kien jagħmel ma' min kien ikun fil-bżonn.' Ta' min jgħid ukoll li, 'Dun Wistin kien jiġi ħu Giovanni (jew Ġanni) Azzopardi li, fl-1869 kien l-ewwel għalliem tal-mużika, Surmast u wieħed mill-fundaturi tal-Banda tal-Mosta.' Minħabba f'hekk, Dun Wistin ma setax ma jkollux rabta mill-qrib mal-banda Mostija. Il-probbabiltà għalhekk hi li, meta Mro. Miruzzi kien iħabbat il-Mosta, dawn it-tnejn ikkollaboraw ħafna flimkien. M'għandniex xi ngħidu li, bħal kull innu ieħor ta' dak iż-żmien, il-versi saru bit-Taljan, u hekk għadu jitkanta sal-ġurnata tal-lum. L-innu hu magħmul biss minn żewġ strofi, bit-tieni waħda titkanta fit-triju. Ta' min jgħid li, kemm l-ewwel parti tal-innu, kif ukoll it-triju huma replikati, u għaldaqstant, fiż-żewġ każijiet, il-kor irid ikanta kull strofa l-istess għal darbtejn.

***O del Cielo Regina possente,***
***Virgen bella di sole vestita,***
***A te fonte per enne divina,***
***Sempre anela lo stanco mortal.***

***Salve o Donna, terribile e forte,***
***Come in campo schierata legione,***
***E nella fiera dell' aspra tensione,***
***Ne soccorre in fonti vigor.***

**PARTITURA**: It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fiha lista sħiħa ta' partijiet li għalihom huwa miktub dan l-*Innu ż-Żgħir* skont il-kopji fotokopjati li ġew f'idi. Għalkemm oriġinarjament dan l-innu kien ingħata l-isem ta' *Marcia Santa Marija* minn Mro. Miruzzi nnifsu (Arkivju Soċjetà *Filarmonica Nicolò Isouard*, Mosta), fil-librett[2] li fih jiġbor dawn l-innijiet reliġjużi proċessjonali tal-1925 (Arkivju Banda Queen Victoria A.D. 1865) jidher biss bħala *Inno 19*. Jerġa', mhux il-partijiet kollha għandhom



*Inno 19*

isem il-kompożitur imniżżel fuqhom. Saħansitra, fil-parti tal-flawt tniżżel isem G(aetano) Grech - l-iżball għadu jidher fuq il-parti anki jekk ismu ġie maqtugħ. Dan seta' ġara peress li, l-*Inno 20* (*Inno a Maria*), li jiġi eżatt wara dak ta' Miruzzi huwa tabilħaqq pinna ta' dan il-kompożitur u allura l-kopista seta' tfixkel wieħed mal-ieħor. Fil-każ tal-partitura[3], jekk tista' ssejħilha hekk, żgur li saret f'xi żmien wara li ħareġ is-sett ta' marċi reliġjużi proċessjonali. Dan għas-sempliċi raġuni li, ma kenitx teżisti waħda, anki jekk din kulma fiha hu biss il-melodija fil-kjavi[4] tal-vjolin u l-parti tal-Baxx fil-kjavi tiegħu[5]. Il-partitura saret biex is-surmast kemm jinqeda biha waqt li jkun qed jidderieġi l-'Innu' fuq xi planċier jew post ieħor, u meta l-bandisti jkunu miġburin qaqoċċa jdoqqu minn bilqiegħda. L-istess partitura jkollu bżonnha wkoll peress li jkun irid idaħħal il-kor, speċjalment jekk dan ikun magħmul mit-tfal. Interessanti wkoll li, fuq parti minnhom, dik tal-ewfonju, hemm immarkat *maestoso* bħala temp[6], u li allura jagħti indikazzjoni ċara ta' x'tip ta' mużika għandna f'idejna li, f'dan il-każ, hija ta' natura reliġjuża.

| | Strument | | Strument |
|---|---|---|---|
| 01 | Ottavino in Re*b* | 13 | Cornetta Ima. |
| 02 | Flauto in Do | 14 | Cornetta 2da. |
| 03 | Quartino in Mi*b* | 15 | Trombone 1mo. |
| 04 | Clarino Imo. | 16 | Trombone 2do. |
| 05 | Clarino 2do. | 17 | Trombone 3zo. |
| 06 | Clarino 3zo. | 18 | Althorn |
| 07 | Clarino Basso | 19 | Euphonium |
| 08 | Alto Saxophone Mi*b* | 20 | Basso E*b* |
| 09 | Saxophone Tenore | 21 | Tamburro |
| 10 | Sax Baritono | 22 | Gran Cassa |
| 11 | Corno Imo. | 23 | Partitura |
| 12 | Corno 2do. | | |

**FORMA**: Bħal kull ħaġa oħra, biċċa xogħol mużikali trid tinbena f'xi forma jew oħra. F'każ ta' xi innu żgħir, hekk imsejjaħ 'popolari' bħal mhu fil-każ tagħna, il-forma ma tistax tkun waħda kumplessa peress li dan irid ikun sempliċi u tal-widna kemm jista' jkun mingħajr biss ma l-kompożitur jaqa' fil-banalità. Jekk mill-banda l-oħra, l-istess kompożitur ifettillu jikkomplika wisq l-affari, allura l-idea ta' 'innu żgħir' dlonk tintilef. Dan qed ngħidu, għax mill-mod kif jiftaħ l-innu '*O Del Cielo Regina*' jagħti wieħed x'jifhem li ser nassistu għal xi biċċa xogħol mużikali ta' dimensjoni bil-wisq ikbar milli fil-fatt hi. Ma ninsewx li, l-influwenza operistika Taljana baqgħat tidwi f'xogħlijietu sal-aħħar, anki jekk kitibhom għall-banda. (Ma ninsewx ukoll li, Miruzzi studja l-mużika barra minn xtutna, aktarx l-Italja.) Mhux ta' b'xejn għalhekk li, l-introduzzjoni, anki jekk qsajra (tmien battuti kollox), għandha mid-drammatiċità li normalment insibuha f'xi preludju minn tal-opra. Dan jirnexxilu jagħmlu, mhux biss għax kien iqis li l-melodija hija l-għajn tal-lingwa mużikali, iżda wkoll għax għaraf iħaddem akkordji li bħalhom is-soltu ma niltaqgħux magħhom f'xi 'innu popolari'. Hawn qed nirreferi għal akkordji bħalma huma s-sesta awmentata u s-settima diminwita. Infatti, tant hi mużikalment b'saħħitha din l-introduzzjoni li, il-kompożitur jużaha sħiħa kif inhi aktar 'il quddiem fl-istess xogħol.

Inħallu issa l-introduzzjoni (b. 01-08) u nitkellmu ftit fuq il-bqija tal-innu li wieħed jista' faċilment jaqsmu fi tnejn peress li hemm biss żewġ strofi. Infatti, parti (A), minbarra ż-żewġ battuti t' akkumpanjament (b. 09-10), tinkludi wkoll passaġġ replikat ta' 16-il battuta (b. 11-26 [27]) fejn il-melodija toħroġ fuqanija u bi ftit li xejn kontro-melodija. Dan il-kompożitur għamlu, biex kemm jista' jkun l-attenzjoni tmur fuq il-kant tat-tfal. It-tonalità[7] f'din l-ewwel parti hija fil-kjavi ta' La*b* Maġġuri. Fit-tieni parti (B) mbagħad, insibu l-hekk imsejjaħ triju[8], passaġġ replikat li fih jikkomprendi ż-żewġ battuti t'akkumpanjament (b. 36-7), segwiti mill-passaġġ fih innifsu, li wkoll huwa magħmul minn sentenza mużikali ta' 16-il battuta (b. 38-53). M'għandniex xi ngħidu li, il-melodija tkun differenti minn dik tal-ewwel parti. Madankollu, l-idea omofonika[9] f'dan kollu tibqa' tippersisti anki fit-tieni parti biex bhekk, il-melodija tibqa' hi wkoll għaddejja bla mittiefsa. Fit-triju, il-mużika timmodula[10] lejn Re*b* Maġġuri. Kelma tal-aħħar ukoll dwar il-passaġġ tan-nofs (b. 28-35) li hu l-istess f'kollox bħall-introduzzjoni (b. 01-08). Dwar dan diġà konna tkellimna aktar 'il fuq.

| Forma | Taqsima | Battuti | Tonalità | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| | Introduzzjoni | 01-08 | LA*b* Maġġuri | |
| A | | 09-10 | | |
| | Replika | 11-26 [27] | | |
| | Passaġġ tan-nofs | 28-35 | | l-istess sentenza bħal b. 01-08 |
| B | Triju | 36-37 | Re*b* Maġġuri | Replika tinkludi wkoll liż-żewġ battuti ta' introduzzjoni |
| | | 38-53 | | |

**Bibliografija:**

Grech Gejtan: Grammatika jew tagħlim mużikali meħud minn diversi awturi kbar tal-mużika (tieni edizzjoni). 1908

Grech Grazio Anton: 14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin. Mitbugħ Għawdex 1998.

Vella Bondin Joseph: Il-Mużika ta' Malta fis-seklu Dsatax u Għoxrin. Pubblikazzjonijiet Indipendenza. Malta 2000.

**Riferenzi:**

[1] L-ewwel ħarġa tal-*Mannarinu*, ġurnal 'politicu, letterariu u variu', dehret il-Ħamis 14 ta' Novembru 1895 taħt id-direzzjoni ta' Antonio Dalli (1864–1948), ġurnalist u politiku (Schiavone, Dictionary of Maltese Biographies 1: 654). Il-ġurnal kien joħroġ darba fil-ġimgħa u kien jinbiegħ fit-toroq għal sold. Min kien jissieħeb fih ried iħallas xelin u nofs bil-quddiem għal sitt xhur u jekk wieħed kien jirnexxilu jsieħeb tnax oħra miegħu kien ikollu l-ġurnal b'xejn. Dawk li kienu joqogħdu barra minn Malta kellhom iħallsu ftit aktar għall-postaġġ. *Mannarinu* kien jiġi stampat fi Stamperija Mifsud, 62, Triq Sant' Ursula, Il-Belt (*Mannarinu* 14 ta' Novembru 1895: 1). Fl-1896, il-ġurnal biddel ismu għal *Il Veru Mannarinu* u sar ġurnal 'politicu, letterariu, religius u variu' (*Il Veru Mannarinu* 2 ta' Mejju 1896: 1) u beda joħroġ kull nhar ta' Sibt. L-abbonament kien ta' erba' xelini fis-sena imma wieħed seta' jħallas xelin kull tliet xhur. Minflok fit-toroq issa l-gazzetta bdiet tinbiegħ fl-uffiċċju tal-ġurnal għal sold u min kien jixtieq xi kopja ta' xi ħarġa minn qabel kellu jħallas żewġ soldi (*Il Veru Mannarinu* 2 ta' Mejju 1896: 1). Minn Lulju 1898, *Il Veru Mannarinu* beda jiġi stampat f'Tipografia Sociale, 26D, Triq Sant' Ursula, Il-Belt quddiem il-British Hotel (*Il Veru Mannarinu* 2 ta' Lulju 1898: 1). F'Settembru 1898, kemm id-direzzjoni kif ukoll l-istamperija mxew għal Strada San Paolo, Nru. 330, Il-Belt (*Il Veru Mannarinu* 24 ta' Settembru 1898: 3).

[2] Fid-dizzjunarju operistiku, il-kelma 'librett' tirreferi għal dak it-test, mhux bilfors ta' opra, imma anki ta' xi oratorju jew kantata, li normalment ikun f'forma ta' poeżija, u li fuqu trid tinħadem il-mużika min-naħa tal-kompożitur. Iżda, fid-dinja bandistika, bl-istess kelma nkunu qegħdin nifhmu b'dak il-ktejjeb li fih ikun hemm miġburin sett ta' marċi, ġodda jew qodma, jew inkella mħalltin, ta' kompożituri varji Maltin jew barranin. Dan jintuża l-aktar mill-bandisti waqt li jkunu għaddejin jdoqqu l-marċi fit-toroq tar-raħal jew belt tagħhom.

[3] Jew 'spartit'. Bl-Ingliż insejħulu *score*. Ktieb miktub (manuskritt) jew mitbugħ tal-partijiet kollha strumentali (u ġieli anki vokali) miġburin f'daqqa. Jeżistu tipi differenti tagħhom li jistgħu jkunu fil-verżjoni għall-orkestra sħiħa (*full score*) jew f'forma ridotta tagħha (*short score*).

[4] Il-kjavi huwa sinjal li bih jiġi ffissat l-isem tan-noti u li titqiegħed fil-bidu ta' kull biċċa mużika. Il-kjavi tal-vjolin insibuha wkoll bħala dik tas-SOL peress li titqiegħed fuq it-tieni linja. Ngħidulha tal-vjolin għax fiha jaqra dan l-isturment tal-korda. Din il-kjavi għandha ġejja forma ta' żiemel tal-baħar.

[5] Il-kjavi tal-Baxx insibuha wkoll bħala l-kjavi tal-*Fa* peress li din titqiegħed fuq ir-raba' linja.

[6] Din il-kelma, u oħrajn bħalha, jagħtu espressjoni lil biċċa xogħol mużikali. Il-kompożitur, mhux biss jisserva bihom biex ifisser is-sentimenti ġewwiena tiegħu imma wkoll biex jindika t-temp li bih ikun irid lis-surmast jidderiġilu l-mużika li jkun kiteb.

[7] L-użu ta' kjavi partikolari, l-aktar bħala bażi ta' melodija jew kompożizzjoni.

[8] Oriġinarjament, din il-kelma kienet tirreferi għal dik it-tip ta' mużika miktuba għal tliet strumenti/kantanti. Kelma oħra għal triju hija għalhekk 'terzett'. F'marċ tipiku Malti, it-triju hija dik il-parti li tiġi wara l-ewwel, u ġieli anki t-tieni replika jew passaġġ tan-nofs, u li tant tkun mistennija mid-dilettanti tal-marċi. Għaldaqstant, il-marċ jilħaq il-qofol tiegħu proprju fit-triju fejn il-melodija trid tkun l-aktar b'saħħitha u daqstant kantabbli li, il-partitarji jirnexxilhom jinsġu erba' kelmiet fuqha biex joqgħodu jinku lill-avversarji tagħhom!

[9] Linja waħda ta' melodija bil-vuċijiet jew il-partijiet oħra jimxu magħha billi jagħmlu kordi li jservu ta' akkumpanjament.

[10] Terminu mużikali li jirreferi għall-mogħdija minn kjavi għal oħra.

COLEIRO FISH SHOP

**Triq Santa Andrea, Żurrieq** (Faċċata tal-mitħna tax-Xarolla)

Prop. Christ Coleiro

Għall-aqwa servizz u kwalità. Ħut Frisk u tal-Friża.

It-Tnejn magħluq, Mit-Tlieta sal-Ġimgħa miftuħ mit-8.00am sal-12.30pm

u mill-16.00pm sas-19.00pm

Is-Sibt u l-Ħadd miftuħ mit-8:30am sal-12.30pm

**Tel: 27004498 Mob 7995893**